# RADJU MARIJA

## Pellegrinagg - LOURDES

## *Fl-Okkazzjoni tal-Festa tal-Immakulata Kuncizzjoni*

### 5 - 9 ta' Dicembru 2017

( 8 ta' Dicembru Festa Pubblika )

**Direttur Spiritwali : Fr. Antoine Borg / Gwida: Charles Sammut**

### Inzuru wkoll: St Jean d'Luz, Pont d'Espagne u Pau.

**It-Tlieta, 5 ta' Dicembru:** Il-grupp jiltaqa' l-ajruport fis-2.00 p.m. minn fejn b'titjira diretta mal-Air Malta f'4.00 p.m. nitilqu ghal Lourdes. Fis-6.40 p.m. naslu Lourdes fejn insibu *coach* li tehodna fil-Lukandi msemmija hawn taht jew simili. Cena u wara jkollna s-sistemazzjoni tal-kmamar.

**L-Erbgha, 6 ta' Dicembru:** Wara l-kolazzjon nibdew il-mawra taghna f'Lourdes bi zjara fil-Grotta ta' Massabielle, fejn il-Madonna dehret lil Santa Bernadette Soubirous. Niccelebraw l-Ewkaristija f'wahda mid-diversi knejjes/kappelli li jinsabu vicin il-Grotta. Ma' tmiem il-Quddiesa, l-grupp jiehu ritratt ta' tifkira quddiem il-Baziliki. Inkomplu bil-programm billi nzuru t-tliet Baziliki u wara naghmlu l-mixja tal-Via Sagra fuq l-gholja de l'Espeluges. Pranzu u wara mmorru naraw *video* dwar il-Messagg ta' Lourdes, imbaghad fejn ikun possibbli nzuru, diversi postijiet ta' interess konnessi ma' Santa Bernadette; fosthom il-Mithna Boly (fejn twieldet u ghexet sakemm kellha 10 snin), il-Cachot (kamra f'habs abbandunat fejn ghexet, flimkien mal-familja, matul id-dehriet) u l-Knisja Parrokkjali li hija ddedikata lill-Qalb Imqaddsa ta' Gesu (fejn tghammdet). Hin liberu sakemm niltaqghu fil-Lukanda ghall-pranzu.

**Il-Hamis, 7 ta' Dicembru:** Kolazzjon u wara jkollna *optional excursion* ta' gurnata ghal St Jean de Luz. F'St Jean de Luz, li hija belt kosmopolitana u medjevali b'influwenza Spanjola, inzuru c-centru storiku u l-bajja kbira tal-post. Ikollna hin liberu li matulu nkunu nistghu nkomplu ngawdu c-centru tal-belt, fejn insibu l-aqwa restoranti li jservu ikel bnin tal-bahar, u x-xtajta meraviljuza tal-post. Nirritornaw il-lukanda ghac-cena. Fid-9.00 p.m. niehdu sehem bhala grupp fil-Purcissjoni Aux Flambeaux li ssir fl-okkazzjoni ta' lejliet il-festa tal-Immakulata Kuncizzjoni.

**Il-Gimgha, 8 ta' Dicembru (Festa tal-Immakulata Kuncizzjoni):** Kolazzjon u wara fid-9.30 a.m. flimkien ma' eluf ta' pellegrini ohra ta' kull gens niehdu sehem fil-Quddiesa Internazzjonali li tigi ccelebrata fil-Bazilika San Piju X. Esperjenza unika u xeni mpressjonanti ta' devozzjoni. Wara l-pranzu jkollna *optional excursion* ghal Pont d'Espagne li jifforma parti mill-Park Nazzjonali tal-Pyrenees. Eskurzjoni fuq il-muntanji fejn ikollna l-opportunita' nitpaxxew b'xenarju mill-isbah u naraw hafna kaskati meraviljuzi bl-ilma niezel b'velocita' kbira. Dan il-post huwa popolari hafna ma' dawk li jammiraw xeni sbieh tal-muntanji. Nirritornaw lura l-lukanda ghac-Ċena.

**Is-Sibt, 9 ta' Dicembru:** Wara l-kolazzjon u c-Celebrazzjoni tal-Ewkaristija, in-nofs ta' nhar ta' filghodu jkun liberu ghal zjajjar personali. Pranzu u wara *optional excursion* ta' nofs ta' nhar ghal Pau. Il-belt ta' Pau hija l-kapitali ta' Bearn u famuza ghaliex fiha kien jghix Enriku IV, Re ta' Franza u Navarra. Inzuru c-centru ta' Pau fejn, fost ohrajn, hemm kastell kbir, ic-Chateau de Pau, fejn Napuljun kien iqatta' l-vaganzi tieghu. Wara li nirritornaw lura l-lukanda fejn ikollana c-cena. Hin liberu sakemm nitilqu mil-lukanda ghall-ajruport. (Il-kmamar jinzamm sal-hin tat-tluq mill-Lukandi.) It-titjira diretta tal-Air Malta titlaq minn Lourdes fil-11.20 p.m. u tasal Malta l-ghada fis-1.40 a.m.

***Nota:*** *Jista' jkun hemm xi tibdil fil-programm tac-celebrazzjonijiet minhabba li meta gie ppreparat dan il-programm, kien ghadu ma giex ippubblikat il-programm ufficjali tas-Santwarju ta' Lourdes.*

**LUKANDA LYS DE MARIE *(3 STAR SUPERIOR)***

**Prezz kull persuna:**

| | | |
|---|---|---|
| Kbar f'kamra trippla | | €539 |
| Kbar f'kamra doppja | | €545 |
| Kbar f'kamra singola | | €619 |
| Tfal (ma' zewg adulti): | (2-5 snin) | €413 |
| | (6-10 snin) | €449 |

**Nota: Is-*City Tax* ta' Lourdes mhux inkulża fil-prezz. Din it-taxxa titħallas minn kull persuna (18 il-sena l-fuq) direttament fil-Lukandi skont kif jidher hawn taħt:**

- **Lukanda Lys de Marie: €1.10 kull lejl.**
- **Lukanda Padoue: €1.70 kull lejl.**

**Il-prezz jinkludi:**

Titjiriet Malta / Lourdes / Malta
*Coach transfers* Ajruport / Lukanda / Ajruport
Akkomodazzjoni fil-Lukanda Lys de Marie *(3 star star superior)* jew simili
Il-kmamar kollha bis-*central heating* u s-servizzi privati
Ikel skont il-programm (4 kolazzjonijiet / 3 pranzi / 5 ceni)
Is-servizz ta' Direttur Spiritwali
Is-servizz ta' *Tour Leader*
It-taxxi tal-ajruporti u s-*service charge*

**ESKURZJONIJIET**

**(Tfal taht it-12 il-sena jhallsu nofs prezz):**

| | |
|---|---|
| St Jean de Luz | €39 |
| Pont d'Espagne | €27 |
| Pau | €26 |

**** Irid jittieħed depożitu ta' €250 mal booking**

**** Bilanċ jitħallas mhux aktar tard mill 31 ta' Ottubru 2017**